**8 ta' Marzu, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Dottor Joseph Fenech *noe*

*versus*

Antonio Axiaq *et*

**Eċċezzjoni ta' *res judicata***

*Gie kostantement ritenut illi sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni ta'* res judicata *jridu jikkonkorru tliet rekwiżiti: l-identita' ta' l-oġġett, l-identita' tal-kawża u l-identita' tal-persuni.*

Il-Qorti:-

Bis-sentenza ta' l-10 ta' Mejju, 1990 fil-kawża Teodora sive Dorina armla ta' **Giuseppe Agius *vs* Avukat Dottor Joseph Fenech** ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, l-istess Dottor Fenech ġie kkundannat iħallas is-somma ta' erbat elef lira (Lm4000) għas-sodisfazzjon ta' legat imħolli lil Teodora Agius fit-testment ta' Giuseppe Agius ta' l-20 ta' April, 1969 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia;

Dottor Fenech, bħala esekutur testamentarju ħallas diversi ammonti akkont ta' dan il-legat, b'total ta' sitt mitt lira (Lm600), u mbagħad, tlett elef u erba' mitt lira (Lm3400) fit-23 ta' Lulju, 1990. B'dan kollu Antonio Axiaq xorta waħda baqa' jippretendi li għad fadallu jieħu sitt mitt lira (Lm600) oħra u allura ħareġ mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 1281/90 kontra l-istess Dottor Joseph Fenech;

Għalhekk fiċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Dottor Joseph Fenech fuq dawn il-fatti talab lil dik il-Qorti biex tiddikjara li huwa ħallas u ssodisfa l-legat imħolli favur Teodora Agius, illum mejta, l-aventi kawża u awtriċi tal-konvenuti Antonio Axiak;

Il-konvenut Axiaq eċċepixxa l-ostakolu ta' *res judicata*;

Consolata Axiaq kienet ġa` mejta meta din il-kawża ġiet

proposta u għalhekk l-attur ċeda l-atti fil-konfront tagħha;

L-imsemmija Qorti fl-20 ta' Jannar, 1993 laqgħet l-eċċezzjoni ta' *res judicata*, u qalet:

"Ġie kostantement ritenut illi sabiex tirnexxi din l-eċċezzjoni jridu jikkonkorru, tliet rekwiżiti: l-identita` ta' l-oġġett, l-identita` tal-kawża u l-identita` tal-persuni;

Ma hemmx dubbju illi hawn identita` ta' l-oġġett bejn il-kawża illi tagħha ġew allegati l-atti u bejn il-kawża odjerna. Dan l-oġġett huwa il-legat ta' Lm4000 mħolli minn Giuseppe Agius - illi tiegħu l-attur odjern huwa l-esekutur testamentarju - bit-testment tiegħu tat-22 (u mhux ta' l-20 kif jingħad fl-att ta' ċitazzjoni odjerna) ta' April, 1969 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia (Dok. C fil-proċess allegat) lil martu Teodora Agius;

Hemm ukoll identita` tal-kawża bejn il-proċeduri tal-kawża allegata u ta' dik odjerna. Infatti filwaqt illi fl-att ta' ċitazzjoni tal-proċess allegat l-attriċi Teodora Agius talbet illi l-konvenut (l-attur fil-kawża odjerna) jiġi kundannat iħallasha l-imsemmi legat, u bis-sentenza tagħha ta' l-10 ta' Mejju, 1990 fil-kawża allegata din il-Qorti laqgħet din it-talba, fil-kawża odjerna l-attur *nomine* qed jitlob illi jiġi ddikjarat u deċiż illi l-imsemmi legat huwa mħallas għas-saldu. Fil-fehma tal-Qorti ma kienx ikun hemm identita` tal-kawża kieku l-attur odjern fil-kawża odjerna qed jallega illi l-imsemmi legat ġie mħallas kollu wara illi ġiet ippronunzjata l-imsemmija sentenza ta' l-10 ta' Mejju, 1990. Iżda, fir-realta`, minn eżami ta' l-att ta' ċitazzjoni odjerna u mill-atti tal-kawża odjerna, jirriżulta illi l-attur qed jallega illi huwa kien ġa` ħallas sitt mitt lira (Lm600) akkont ta' dan il-legat mhux biss ħafna qabel ma ngħatat l-

imsemmija sentenza ta' l-10 ta' Mejju, 1990 iżda ħafna qabel ma ġiet intavolata l-kawża relattiva. Ma jidhirx illi huwa kkontestat bejn il-kontendenti illi l-bilanċ tal-legat, jiġifieri Lm3400, tħallas mill-attur wara illi ġiet ippronunzjata s-sentenza ta' l-10 ta' Mejju, 1990. Għalhekk neċessarjament isegwi illi dak illi qed jitlob l-attur fil-kawża odjerna huwa illi jiġi ddikjarat illi qabel ma ġiet ippronunzjata l-imsemmija sentenza ta' l-10 ta' Mejju, 1990 huwa kien ġa' ħallas Lm600 akkont tal-legat in kwistjoni. L-attur odjern imissu avvanza din il-pretenzjoni tiegħu *per via di eccezione* fil-kawża illi l-atti tagħha ġew allegati, u, f'dan ir-rigward, huwa utili illi jiġi ċitat dak illi qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' April, 1953 fil-kawża fl-ismijiet **Antonio Magri *vs* Emanuele Dingli** (Vol. XXXVII, P.I, p.469);

"…. Hu paċifiku li l-ġudikat jassorbixxi kull eċċezzjoni li, in meritu għall-azzjoni, kien imissha, jew setgħet, ġiet sollevata in relazzjoni għall-azzjoni stess";

Il-konvenut fil-proċess allegat (l-attur odjern) ma ssolevax l-eċċezzjoni illi huwa kien ħallas Lm600 akkont tal-legat in kwistjoni;

Ikkunsidrat:-

Illi mhux ikkontestat bejn il-kontendenti illi l-attur odjern kien il-konvenut fil-proċess allegat, illi l-attriċi Teodora Agius fil-proċess allegat hija l-awtriċi tal-konvenut odjern Antonio Axiaq u illi l-atti tal-kawża allegata kienu għaddew fil-persuna tal-konvenut odjern Antonio Axiaq stante l-mewt ta' l-imsemmija Teodora Agius fil-mori ta' l-istess kawża;

Illi, għalhekk, huwa sodisfatt ukoll ir-rekwiżit ta' l-identita'

tal-persuni;

Ikkunsidrat:

Illi ma jidhirx illi huwa kkontestat bejn il-kontendenti illi l-imsemmija sentenza ta' l-10 ta' Mejju, 1990 għaddiet in ġudikat;

Illi, għalhekk, għat-talba attriċi tosta s-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-għaxra *(10)* ta' *Mejju, 1990 fil-kawża fl-ismijiet* **Teodora Agius *vs* Avukat Dottor Joseph Fenech nomine** (Citazz. Nru. 719/83);

L-attur appella prinċipalment għaliex ma setax jiġi ritenut li l-oġġett tal-kawża deċiża fl-10 ta' Mejju, 1990 u dak tal-preżenti kawża huwa l-istess;

Hija korretta s-sentenza appellata meta tirritjeni illi biex il-ġudikat preċedenti jikkostitwixxi ostakolu għal proċedura sussegwenti, iridu jirrikorru tlett elementi, kif stabbilit fid-Dritt Ruman:

"*.... cum quaeritur haec exceptio noceat nec ne, respiciendum est an idem corpus sit, quantitas eadem, idem jus, et an eadem causa petendi et eadem conditio personarum; quae nisi omnia concurrunt, alia res est*" (LL12, 13, 14, Dig. de Exceptione rei judicatae);

L-eżami li ġie esegwit, ta' dawn it-tlett elementi, mis-sentenza appellata, pero` mhuwiex daqstant korrett:

(a) L-oġġett taż-żewġ kawżi m'huwiex l-istess. Fl-ewwel kawża Teodora Agius talbet li, Dottor Fenech esekutur testamentarju ta' Giuseppe Agius, żewġha, jiġi kkundannat li jħallasha s-somma

ta' erbat elef lira (Lm4000) flimkien ma' l-imgħaxijiet legali relattivi mid-data tal-mewt ta' Giuseppe Agius biex jiġi sodisfatt il-legat lilha mħolli minn żewġha mentri fil-kawża preżenti l-oġġett huwa ieħor: dikjarzzjoni li l-legat ġie mħallas u sodisfatt;

L-oġġett tad-domandi fiż-żewġ kawżi mhumiex l-istess. Is-sentenza appellata ma ħarsitx lejn id-domandi u deherilha li "l-oġġett" taż-żewġ kawżi huwa l-legat ta' Lm4000;

(b) Is-sentenza appellata titkellem fuq:

"identita' tal-kawża bejn il-proċeduri tal-kawża allegata u ta' dik odjerna";

Din il-Qorti jidhrilha li *eadem causa petendi* tirriferixxi għall-kawżali li hemm fiż-żewġ ċitazzjonijiet, mentri s-sentenza appellata titkellem fuq "identita' tal-kawża" u din ma jidhirx li tista' faċilment tiġi mogħtija l-istess tifsira ta' "identita' ta' kawżali";

Difatti, is-sentenza tkompli hekk:

"Fil-fehma tal-Qorti ma kienx ikun hemm identita' tal-kawża kieku l-attur odjern, fil-kawża odjerna qed jallega illi l-imsemmi legat ġie mħallas kollu wara illi ġiet ippronunzjata l-imsemmija sentenza ta' l-10 ta' Mejju, 1990";

Fiċ-ċitazzjoni ta' l-attur huwa jallega illi huwa ħallas Lm3,400, għas-saldu tal-legat, fit-23 ta' Lulju, 1990 jiġifieri, wara l-10 ta' Mejju, 1990, id-data ta' l-ewwel sentenza;

(ċ) strettament, lanqas l-element ta' l-*eadem personarum* ma

jissusisti għaliex Antonio Axiaq, għalkemm akkwista d-drittijiet litiġjużi ta' l-eredi ta' Teodora Agius, fil-kawża preċedenti (Ċitazzjoni 719/83) baqa' ma ġiex reġistrat bħala parti f'dik il-kawża tant illi kif jidher mill-kopja tas-sentenza ta' dik il-kawża a fol. 43 tal-proċess ta' l-ewwel grad, ismu ma jidhirx fl-occhio. Din il-konsiderazzjoni pero`, f'din il-kawża, tista' tiġi superata għaliex ismu jidher fil-korp tas-sentenza;

Għalhekk, dan huwa l-uniku element mit-tlieta, li jista' jingħad li jissusisti;

Imma, dan waħdu mhux biżżejjed biex jiġġustifika l-eċċezzjoni;

Għaldaqstant, l-appell ta' l-attur jistħoqqlu li jiġi milqugħ u s-sentenza appellata, ta' l-20 ta' Jannar, 1993, hija rrevokata billi l-eċċezzjoni tal-ġudikat (*res judicata*) m'hijiex ammissibbli u din il-kawża *altra res est*;

L-ispejjeż ta' din l-eċċezzjoni fiż-żewġ gradi huma għall-konvenut;

L-atti huma rimandati quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni tal-kawża skond il-liġi.